# Eżami ta' Nofs il-Ħames Sena

# Il-Malti 2019

# L-Eżami tal-Fehem mis-Smigħ Qari u Kitba

**Isem u Kunjom** ______________________________________

**Numru tar-Reġistru** ______ **Klassi** ________

___________________________________________________________

**Għall-użu tal-għalliema:**

| Il-Marki | | |
|---|---|---|
| Il-Qari | 25 | |
| Il-Kitba | 30 | |
| Is-Smigħ | 10 | |
| Grammatika f'Kuntest | 15 | |
| It-Taħdit | 20 | |
| Total | 100 | |

## Eżami tas-Smigħ

**A.**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba: (10 marki)**

1. Din is-silta li smajt toffri gwida dwar x'għandek tagħmel

   a. meta tkun ferħan.

   b. meta tkun għajjien.

   ċ. meta tkun imdejjaq.

2. Waqt li tkun qed tagħmel ix-xogħol għad-dar toqgħodx

   a. titkellem.

   b. itteftef xi ħaġa tal-ikel.

   ċ. tieħu xi nagħsa.

3. Jekk trid taqta' ftit il-ġuħ, kul

   a. ikel bħal ċiċri, lewż u passolina.

   b. pakketti u ħelu.

   ċ. biċċa ħobż biz-zalza tal-inċova.

4. Bejn xogħol u ieħor

    a. naddaf il-kamra.
    b. ara ftit televixin.
    ċ. qum imxi u ċaqlaq ftit ġismek.

5. Jekk m'għandekx paċenzja tistenna l-ikel isir:

    a. Kul platt għaġin biz-zalza tal-għazz.
    b. Kul il-ħobż bil-ġobon u l-butir.
    c. Kul ħafna xaħmijiet.

6. Tfal li ma jħobbux ħut frisk, minflok jistgħu jieklu

    a. tonn taż-żejt.
    b. karawett biss.
    ċ. ħafna ħobż bil-butir u l-ġobon.

7. Agħmel xi taħriġ fiżiku ħafif imqar

    a. sitt minuti tliet darbiet f'ġimgħa.
    b. ħames minuti kuljum.
    ċ. ħames sigħat fil-ġimgħa.

**B.**

**Agħmel sing taħt it-tifsira t-tajba ta' dawn l-espressjonijiet:**

8. "***Tieħu d-drawwa"*** *tfisser:*

    a. Tagħmel parti mill-folklor.

    b. Issir rutina.

    ċ. Tieħu nagħsa.

9. ***"Naqgħu żorba"*** *tfisser:*
    a. Meta tonqsilna l-enerġija.
    b. Meta z-zokkor fid-demm ma jitbaxxiex.
    ċ. Meta tiżdied l-enerġija.

10. "***Tagħli għax sebaħ***" tfisser:
    a. Meta ma tkunx trid taħdem.
    b. Meta tkun mimli enerġija.
    c. Meta tmajna l-batterija.

TMIEM

**Eżami tal-Qari**

L-Ewwel Taqsima

## A. Aqra dan l-avviż li deher fil-gazzetta:

# MITLUF




**WHISKEY**

Intilef viċin l-Iskola Primarja ta' Ħal Ġmiel. Min isibu huwa mitlub iċempel lil sidu fuq 15022100. Jingħata rigal speċjali.



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz. (5 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| a. | Dan huwa avviż dwar qattus mitluf. | | |
| b. | Il-qattus jismu Fluffy . | | |
| ċ. | Jingħaraf mill-kullar tiegħu. | | |
| d | Is-sid lest li jagħti rigal lil min isibu l-kelb. | | |
| e. | Min isibu għandu jikteb ittra lil sidu. | | |

**2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. (2 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. Kulur il-qattus huwa | | abjad |
| | | iswed |
| | | aħmar |
| b. Intilef qrib | | il-bandli |
| | | ġnien |
| | | l-iskola |

**3. Li kieku kont sid il-qattus, x'kont tagħmel biex issibu? (3 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## It-Tieni Taqsima

**Aqra s-silta u wieġeb.**

**MASTRU GERFEX**

Għodwa minnhom Mastru Gerfex ra lil sieħbu Kaspru f'ħanut. Mastru Gerfex stiednu jmur magħhom iżda Kaspru ma aċċettax. Kaspru kien xi ftit imkabbar peress li kien jgħix l-Istates. Xi kultant kien iħallat l-Ingliż mal-Malti u kien jixtieq li n-nies isejħulu Caspar, jew inkella Mister Cut-a-jar. (Paragrafu 1)

Mastru Gerfex tefagħlu botta li jsejjaħlu Caspar Paspar. Kaspru ovvjament ħa għalih u qal lil Mastru Gerfex li r-raħal kollu jidħaq bih. Kaspru qallu wkoll li zaqqu kienet qiegħda tikber u li moħħu kien qed jeħfief. Mastru Gerfex ħa għalih. Hu dejjem kellu figura pulita u ma setax iħalli lil Kaspru jgħajru b'żaqqu. Mastru Gerfex ma riedx li jitlef il-figura pulita li dejjem kellu. (Paragrafu 2)

Tant irrabja li wieġeb lil Kaspru billi qallu li żaqqu wkoll kienet qed tikber. Il-Malti jgħid li l-ispiżjar milli jkollu jtik. Kaspru ddefenda ruħu billi qal li fl-Istates kien imur ġogging u li hawn Malta ma jistax jagħmel ġogging għax in-nies tar-raħal qishom qatt ma raw xejn.

(Paragrafu 3)

**Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz. (3 marki)**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Lil Kaspru jaqbiżlu xi kliem bl-Ingliż għax kien jgħix l-Italja. | | |
| 2. Mastru Gerfex kien irqiq ħafna. | | |
| 3. Kaspru kien jagħmel il-ġogging l-Istates. | | |

Mastru Gerfex għoġbitu l-idea tal-ġogging, dejjem aħjar milli jagħmel dieta. Meta mar id-dar qalleb fil-kaxxi u l-kxaxen u sab il-papoċċ qadim u mqatta' li kellu. Mill-għada stess beda jmur jiġri bil-papoċċ l-imqatta'. (Paragrafu 4)

Il-mara ta' Mastru Gerfex li kien jisimha Lugrezja bdiet tinkwieta ħafna għal żewġha. Il-papoċċ kien imżejjen b'ħafna kuluri taż-żebgħa, u kien imqatta' minn quddiem ukoll. Min jaf kemm kienu se jgħidu bih in-nies. Iżda Mastru Gerfex sab l-iskuża li dak kien komdu għax kien artab. Bintu Maryanne ukoll kienet inkwetata u ddeċidiet li tixtrilu tracksuit lewn l-inbid aħmar u papoċċ tal-ġiri abjad bħala rigal tal-Milied. (Paragrafu 5)

**Wieġeb.**

4. X'iddeċieda li jagħmel Mastru Gerfex biex iżomm il-figura tiegħu? (marka)

______________________________________________

______________________________________________

5. Min beda jinkwieta għalih u għaliex? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

6. X'iddeċidiet li tixtrilu Maryanne għall-Milied? (marka)

______________________________________________

______________________________________________

Mastru Gerfex feraħ tant b'dan ir-rigal li żanżnu l-għada stess. Tant kien qed jieħu dan l-isport bis-serjetà li tħajjar jieħu sehem fil-maratona ta' Malta. (Paragrafu 6)

Wara xi jiem kien qed iħossu komdu li ma riedx jibqa' jiġġoggja f'Ħal Bużbież sal-Belt Valletta, idur dawra mal-Funtana tat-Tritoni u jerġa' lura jiġġoggja lejn Ħal Bużbież. (Paragrafu 7)

Lil martu Lugrezja ma qalilha xejn b'dak li kellu f'moħħu, għax inkella kienet toqgħod tgerger. Iżda dakinhar xorta gergritlu, għax riditu jilbes par kalzetti ġodda iżda hu ma riedx. Hu xorta telaq lejn il-Belt b'xi ħaġa tal-flus fil-but. (Paragrafu 8)

It-triq għall-Belt kidditu wisq. Waqaf kemm-il darba għall-enerġija u wasal il-Belt ikaxkar saqajh u jilheġ għan-nifs. U flok dar dawra mal-funtana u rħielha lura lejn Ħal Bużbież inxteħet fuq it-taraġ tat-Tritoni u ma tħajjarx iqum minn hemm. Meta qam sab il-karozza għal Ħal Bużbież u telaq lura riekeb. (Paragrafu 9)

(minn ġrajjiet ta' Mastru Gerfex ta' Carmel G. Cauchi)

7. Minn fejn sa fejn iddeċieda li jiġri jum wieħed? X'ħa miegħu? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

8. Għaliex bdiet tgħajjat miegħu Lugrezja dakinhar? (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

9. Biex ġie lura u għaliex? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

10. Agħti l-**mamma** u l-**għerq** ta' dan il-verb "**iħallat**"

Mamma : _______________

Għerq : ________________

11. Minn paragrafu 2 sib verb fin-**negattiv** _______________

12. Minn paragrafu 8 sib **verb kwadrilitteru**_______________

13. Minn paragrafu 4 sib **plural miksur** __________________

**Fisser** dan il-qawl : (3 marki)

**L-ispiżjar milli jkollu jagħtik.**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM**

## Grammatika f'Kuntest

### A. Imla l-vojt bl-artiklu. (10 marki)

Ġiġa u Puspsu mxew tul ____ bajja kollha u mbagħad straħu ftit fuq ____ ramel. _____ Ġnejna kienet bajja sabiħa wisq. Madanakollu Puspsu rnexxielu jikkonvinċi lil Ġiġa tmur lura miegħu u tibda tgħix magħhom. Wenzu żgur kien irabbiha wkoll. Wara li damet taħsibha, Ġiġa ddeċidiet li titlaq warajha ____ post fejn twieldet, _____Imġarr, u taħrab ma' Puspsu _____ maħbub tagħha. Din ____darba Puspsu ħa rotta differenti. Kielu xi ħaġa u ġrew _____aħħar ftit sa ma waslu ____Zejtun. Wenzu feraħ ħafna meta ra lil Puspsu. Anki b'Ġiġa feraħ u ddeċieda li ma jiksirx qalb Puspsu u jżomm lil Ġiġa wkoll. ____ xwejjaħ issa kien spiċċa b'għoxrin kelb!

### B. Ikteb kelma waħda flok.... (5 marki)

1. Kien _____________ (l-isem tagħha) Tessie.
2. Lil ____________ (l-omm tiegħi) nħobbha ħafna.
3. ____________(is-sieq tagħha reġgħet ġiet għan-normal wara l-inċident.
4. Daħħalt xi ħaġa f'___________ (widna tiegħi).
5. (Id-dar tagħna) ___________ zgħira iżda sabiħa.

**L-Eżami tal-Kitba**

**Kitba Qasira** **(10 marki)**

**F'madwar 60 kelma ikteb sett ta' istruzzjonijiet kif tagħmel kikkra te.**



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Kitba Itwal** **(20 marka)**

**Ikteb madwar 100 kelma**

**Kompli din l-istorja**

**Dakinhar li tlift rigal ..................................**



**X'rigal kien? Għal min kien ir-rigal? X'ġara minnu? Kif spiċċat l-istorja?**

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan**

Ikteb storja billi tibda hekk:

Dakinhar li tlift rigal

TMIEM